MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 120/1992/1

**John Muscat u b'digriet tat-13 ta' Frar 1995
l-atti gew trasfuzi f'isem Georgina mart Emanuele Casha
bhala eredi universali ta' missierha John Muscat li miet
fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Emanuel Bonello, bhala Kontollur tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited; u Cecil u Henry ahwa Pace, f'isimhom proprju bhala gia` Diretturi fiz-zmien l-obbligazzjonijiet hawn taht imsemmija tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTUR**

1. B’citazzjoni, l-attur wara li ppremetta li meta originarjament mar il-BICAL biex jiddeposita l-flus, gie infurmat minn impjegati fl-istess Bank, li dan it-tip ta’ negozju kien qed jigi kondott mill-istess Direttur Cecil Pace fl-ufficcju tieghu, u wara li l-attur gie hemm introdott, il-konvenut Cecil Pace hajjru u kkonvincih jaghmel diversi depositi fosthom dan hawn taht indikat, li fuq parir tal-istess konvenut sar fil-forma ta’ cheque tat-28 ta’ Novembru, 1972 favur l-attur, fl-ammont ta’ elf u hamsa u tletin lira maltija (Lm1035) iffirmat mill-konvenuti Cecil u Henry ahwa Pace, kopja annessa u markata Dok. “A”; li l-intenzjoni dikjarata tal-partijiet, l-attur u l-konvenuti ahwa Pace, kienet li jsir negozju bejn il-klijent minn banda (l-attur) u l-Bank (BICAL) mill-ohra; li l-attur ma kellu l-ebda raguni li jissuspetta li ma kienx qed jinnegozja u jittratta mal-Bank, meta n-negozjati saru direttament ma’ l-aktar persuna rappresentattiva tal-BICAL, il-konvenut Cecil Pace fl-istess bini tal-BICAL; li effettivament thallas l-imghaxijiet fuq dawn id-depositi, liema imghaxijiet ircevihom fl-edifizju tal-Bank; li l-konvenuti naqsu li jiddikjaraw li dan il-kreditu jikkostitwixxi passiv (debitu) tal-Bank, nonostante interpellazzjoni ufficjali tat-18 ta’ Otubbru, 1991; TALAB li l-Qorti (1) tiddikjara li c-cheque ghal elf u hamsa u tletin lira maltija (Lm1035) tat-28 ta’ Novembru, 1972 iffirmat miz-zewg konvenuti Cecil u Henry ahwa Pace, favur l-attur Dok. “A”, anness jikkostitwixxi passiv (debitu) tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited; u (2) tikkundanna lill-konvenut Emanuel Bonello fil-kwalita` tieghu ta’ Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (nominat taht id-disposizzjonijiet tal-Att V tal-1970) u lill-konvenuti Cecil u Henry Pace personalment ihallsu lill-attur is-somma fuq imsemmija ta’ elf u hamsa u tletin lira (Lm1035); bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv. Bl-

ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 1991.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT EMANUEL BONELLO NOMINE</u>**

2. Il-konvenut Emanuel Bonello, fil-kwalita` tieghu fuq citata, eccepixxa li d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-Bank u li gara huwa li d-direttur tal-Bank ghamel in-negozju mal-attur biss u mhux f'isem il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited. Infatti inhareg ic-cheque imsemmi fic-citazzjoni u ghalhekk il-kreditu huwa passiv biss mal-konvenuti l-ohra, li nnegozjaw mal-attur biss fil-kwalita` taghhom personali.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI CECIL U HENRY, AHWA PACE</u>**

3. Il-konvenuti ahwa Pace eccipew:

(i) Il-preskrizzjoni kwinkwennali ghat-termini tal-paragrafi (d), (e) u (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13);

(ii) Illi fil-konfront tal-attur, huma m'ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, li hija vestita fil-Kontrollur Emanuel Bonello;

(iii) Illi, minghajr pregjudizzju, is-self in kwistjoni kienet transazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenuti personalment jew min minnhom, kif jidher ukoll car mic-cheques personali u kambjala esibiti mac-citazzjoni, u ghalhekk dan id-debitu mhux passiv tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited;

(iv) Sussidjarjament u bla pregjudizzju ghall-premess hemm difetti serji fil-forma tat-talbiet attrici li rrenduhom insostenibbli u jew nulli u minghajr effett skond il-ligi u ma jistghux jigu proposti validament kontra l-konvenuti f'din il-kawza bil-mod kif proposti;

(v) Illi t-talbiet attrici kontra l-konvenuti ma jistghu qatt jigu milqugha fuq il-premessi dedotti fic-citazzjoni u huma neqsin mill-premessi mehtiega fil-ligi;

(vi) Illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati peress illi t-talbiet attrici ma jregghux fir-rigward taghhom;

(vii) Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

(viii) Illi kif kien jaf ben tajjeb l-attur l-ebda bank ma kien jaghti imghax bir-rata ta' sebgha fil-mija fis-sena jew ghola minn dik permessa skond il-ligi bankarja.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. Il-Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza b'sentenza tat-18 ta' Jannar, 1993 billi laqghet it-talbiet attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Emanuel Bonello nomine, u laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ahwa Pace; spejjez bla taxxa bejn il-kontendenti.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

5. L-attur John Muscat hass ruhu aggravat minn dina d-decizjoni u interpona appell minnha, quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju li gej:

A. Hemm inkonsistenza u kontradizzjoni allarmanti fid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti. Din infatti accettat it-tezi li kien qed jinnegozja mal-Bank, mhux mad-Diretturi personalment; decizjoni li necessarjament timplika l-mala fede tal-konvenuti ahwa Pace, li fil-kawza insistew li n-negozju meritu tal-kawza kien self personali.

Accettata dina s-sitwazzjoni, huwa kontrosens li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni proprju u ghar-raguni li l-attur ma ppruvax il-mala fede tal-konvenut Cecil Pace. Il-mala fede mhux biss irrizultat, izda addirittura giet accettata mill-Ewwel Qorti, meta ddecidiet li l-kreditu jikkostitwixxi passiv (debitu) tal-BICAL.

B. Subordinatament l-esponent umilment jissottometti li dak li hu ovvju u pubbliku ma jinhtiegx prova ‘ad hoc’ fil-kawza. Hu maghruf ma’ kulhadd li l-konvenuti ahwa Pace ghaddew Guri Kriminali fuq akkuzi ta’ frodi bankarji; u hu wkoll ben not li gew misjuba hatja u kkundannati. Fic-cirkostanzi ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li ssir riferenza specifika ghall-proceduri kriminali, li indubbjament jikkostitwixxu prova inattakkabbli tal-mala fede tal-konvenuti.

C. Id-decizjoni sibellina u ambigwa ta’ l-Ewwel Qorti indubbjament tikkreja diffikultajiet serji lill-kontrollur, li obbligat jirrikoncilja l-fondi tal-BICAL mal-krediti personali u individwali. Hu essenzjali ghall-Kontrollur li l-kreditu jigi kkanonizzat kontra l-konvenuti ahwa Pace personalment, biex hu jnaqqas mill-ammont lilhom eventwalment dovut, dak li jirrizulta dovut lid-depositant – bhal l-attur. Altrimenti l-Kontrollur isib ruhu fl-impossibilta` fizika li jhallas lill-kreditur, billi ma jkunx f’posizzjoni li jirrikoncilja l-kreditu mal-ammont imnaqqas minn dak dovut lill-konventi ahwa Pace personalment.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab li in vista tal-premess dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-18 ta’ Jannar, 1993 fil-kawza fl-ismijiet “John Muscat vs. Emanuel Bonello nomine et” Citazzjoni Numru 120/92 JDC billi tirrevokaha in kwantu laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ahwa Pace, billi tichadha, kif ukoll tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tikkonfemaha in kwantu laqghet it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Emanuel Bonello nomine, billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI CECIL U HENRY AHWA PACE</u>**

6. L-appellati konvenuti ahwa Pace wiegbu hekk:

(i) Illi preliminarjament il-garanti offert mill-appellant huwa persuna notorjament inidonea u ghalhekk jirrifjutah ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

(ii) Illi fil-meritu u bla pregudizzju is-sentenza appellata hija gusta u legali u ghalhekk timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant.

(iii) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-esponenti ma jaqblux mal-fatti allegati mill-appellant elenkati fil-paragrafi numru 6 tal-petizzjoni tal-appell.
(iv) Minflok, il-fatti skond l-appellati huma:
(a) L-attur avvicina lill-esponenti u qallhom li kellu ammont ta' flus li fuqhom xtaq jottjeni imghax ferm ghola minn dak li seta jottjeni minn bank u li kien importanti ghalih illi l-investiment ma jidhirx ghall-iskopijiet tieghu.

(b) Il-partijiet ftehmu li l-attur jislef dan l-ammont lill-esponenti personalment u da parti taghhom l-esponenti taw lill-attur cheque personali b'data ta' maturita` ta' sena il-quddiem ghall-ammont misluf flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi ta' 7% (sebgha fil-mija).

(v) L-esponenti bl-ebda mod ma jaqblu mal-parti tas-sentenza li l-bank konvenut huwa b'xi mod responsabbli lejn l-attur li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ossevanza tal-gudizzju billi ic-cheque ezibit ma jikkostitwix dak li jissejjah "bankers draft" imma huwa cheque personali tal-esponenti fuq il-kont korrenti taghhom personali mal-bank li l-bank m'ghandu l-ebda obbligu li jonora.

(vi) Bejn il-possessur ta' cheque u l-bank li fuqu ingibed dak ic-cheque ma hemm ebda relazzjoni guridika li tobbliga lill-bank favur il-possessur kif korrettement iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc kif diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 1990 fl-ismijiet Grech vs Bonello Citazzjoni Numru 1319/88MB.

(vii) Skond it-terminu provdut mill-ligi stess, l-attur kellu bizzejjed zmien sa hames snin biex jipprocedi kontra l-esponenti izda dan huwa stess naqas serjament illi jaghmlu u m'ghandux jippretendi li aktar minn ghoxrin sena wara mid-data tat-tranzazzjoni jew meta ifettilllu hu jew xi kreditur iehor in eternum jistghu iharrku lill-esponenti ghaliex altrimenti l-iskop kollu tal-istitut tal-ligi

maghruf bhala il-preskrizzjoni jintilef ghal kollox b'detriment kbir ghall-konkors tal-kredituri l-ohra ghaliex dan qieghed ikun ta' xkiel enormi biex il-kredituri intitolati kemm dawk tal-bank kif ukoll dawk personali, jistghu qatt jigu imhallsin mill-fondi migbura darba ghal dejjem.

(viii) Il-fatt stess li l-attur qatt ma indenja ruhu jistitwixxi proceduri legali kontra l-esponenti u anqas u anqas kontra il-bank konvenut jekk verament haseb li l-kreditu tieghu kien mal-bank u mhux mal-esponenti personalment jindika bic-car li l-attur stess kien jaf ben tajjeb li huwa kellu x'jaqsam mal-esponenti personalment u mhux mal-bank konvenut.

(ix) L-appellati jirrilevaw ukoll li l-attur qatt ma ipprezenta ruhu f'xi proceduri legali ohra kontra taghhom u ma hemm ebda sentenza ta' frodi kontra taghhom fil-kofront tal-attur u lanqas ma jista' jkun hemm.

(x) Ghal dawn il-motivi l-appellati konvenuti talbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma is-sentenza appellata fil-konfront tal-esponenti billi tichad it-talbiet attrici kontra taghhom u tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom partikolarment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tirriformaha fil-konfront tal-konvenut bank billi tichad it-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**<u>IR-RISPOSTA TA' EMANUEL A. BONELLO NOMINE</u>**

7. L-appellat kontrollur konvenut wiegeb hekk:

(i) Illi s-sentenza appellata ma hijiex gusta u ma timmeritax konferma kemm ghar-ragunijiet mghotija mill-appellant u kemm ghal dak sottomess hawn taht.

(ii) Illi huwa ovvju li jekk jirrizulta li Cecil u Henry Pace, jew min minnhom tqarraq (<u>recte</u> qarraq) bl-attur, allura kemm il-bank konvenut kif ukoll huma personalment u cioe` Cecil u Henry Pace ghandhom jigu ikkundannati solidalment ihallsu lill-attur is-somma li tkun giet kanonizzata favur l-attur. Huwa inutli u illegali li Cecil u Henry Pace jeccepixxu il-preskrizzjoni favur taghhom meta huma jafu li legalment min jinsab kolpevoli ta' frodi, kif instabu huma, ma jista' qatt jippreskrivi favur tieghu.

(iii) Jekk l-attur irnexxilux jew le jipprova li l-kreditu tieghu huwa passiv mal-bank, l-esponenti jirrimetti ruhu ghall-Gudizzju ghaqli u superjuri ta' din il-Qorti.

(iv) Ghal dawn il-motivi it-talbiet attrici jekk huma sostenibbli u ghandhom jigu milqugha fil-konfront tal-konvenut nomine appellat ghandhom bl-istess mod jigu akkolti kontra Cecil u Henry Pace personalment.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. Fl-aggravju tieghu l-attur appellant jissottometti li fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Ewwel grad huwa kien qed jintravedi fiha "inkonsistenza u kontradizzjonijiet allarmanti". Skond hu, bil-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet li d-depozitu effettwat mill-attur kien sar biss mal- Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) u mhux mal-konvenuti ahwa Cecil u Henry Pace personalment, dan kien necessarjament jimplika <u>l-mala fede</u> tal-appellati Pace, li min-naha taghhom insistew li hawn non si trattava ta' depozitu mal- BICAL imma "self", liema obbligazzjoni kienet ormai giet preskritta bil-preskrizzjoni kwinkennali a tenur ta' l-artiklu 2156 tal-Kap. 16. Ghalhekk l-attur appellant qieghed jitlob riforma ta' din il-parti tas-sentenza appellata.

9. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi u s-sottomissjonijiet li sarulha, ma jidhriliex li l-aggravju tal-attur huwa fondat. Ibda biex, ghandu jigi osservat li fil-premessi tac-citazzjoni tieghu l-attur stess jaghmilha cara, li sa fejn kien jikkoncerna lilu, l-operazzjoni ta' depozitu, ghalkemm din saret tramite Cecil Pace, ko-direttur tal-Bank <u>de quo</u>, din <u>saret unikament mal-imsemmi Bank</u> u mhux mal-ahwa Pace personalment. Ir-ragjonament ulterjuri li induca lill-attur iharrek ukoll lill-ahwa Pace bhala konvenuti kien ibbazat fuq il-premessa l-ohra li l-"konvenuti naqsu li jiddikjaraw li dan il-kreditu jikkostitwixxi passiv (debitu) tal-Bank". Min-naha taghhom pero`, il-konvenuti Pace kkontestaw, bla ma xehdu jew gew prodotti in subizzjoni, l-allegazzjonijiet fattwali ta' l-attur. Fic-cirkostanzi ghalhekk, l-ewwel Qorti gustament irriteniet li kontra t-talbiet attrici in kwantu diretti dawn kontra l-

ahwa Pace kienet tiswa l-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin a tenur tal-artikolu 2156 (d) (e) u (f) tal-Kap. 16. Huwa minnu li l-attur allega li f’dan il-kaz l-ewwel Qorti kellha tirrespingi l-eccepita preskrizzjoni a bazi ta’ mala fede, bl-applikazzjoni tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili, imma l-mala fede trid tirrizulta kjarament mill-provi u mhux il-kaz li din tigi semplicement dezunta, kif invece jippretendi l-attur. Lanqas ma hija prova sufficjenti li l-attur jallega bla ma jforni ebda prova illi “hu maghruf ma kulhadd li l-konvenuti ahwa Pace ghaddew guri kriminali fuq akkuzi ta’ frodi bankarji; u hu wkoll ben not li gew misjuba hatja u kkundannati”. Irid invece jirrizulta ness vinkolanti u dirett bejn l-operat kriminuz li gie attribwit lill-ahwa Pace mad-depozitu de quo. Din il-prova mhux biss ma saritx imma ghandna sitwazzjoni fejn l-attur stess jghid li proprjament mal-ahwa Pace personalment huwa ma kkontratta xejn. Di piu`, din il-Qorti lanqas tifhem kif l-attur jippretendi li ghad ghandu xi dritt, jagixxi civilment kontra l-appellati Pace proprio meta halla kwazi dsatax-il sena biex jipprocedi kontrihom b’passi gudizzjarji.

10. Min-naha tieghu, il-konvenut appellat Kontrollur ukoll ma qabilx mas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti anzi jghid li s-sentenza appellata “ma hijiex gusta u ma timmeritax konferma kemm ghar-ragunijiet moghtija mill-appellant u kemm ghal dak sottomess hawn taht”, imbaghad jghaddi biex jallega li fil-kaz in ezami gie prattikat “qerq” mill-appellati Pace. Stranament pero` jidher li l-istess appellat Kontrollur ghazel li ma jipprevalixxix ruhu milli jinterponi appell incidentali u ghalhekk una volta li ma rnexxiex l-appell promotorju ta’ l-attur, l-argumenti tieghu jistghu jitqiesu biss bhala parti mill-aggravji tal-appell intavolat mill-attur. Ghandu jigi osservat pero` li bil-fatt li hu, bhala Kontrollur tal-BICAL, ma sab xejn imnizzel fil-kotba tal-bank relattivament ghad-depozitu effettwat mill-attur, b’daqshekk la jfisser li necessarjament gie allura ppruvat li kien hemm “qerq” min-naha tal-appellati Pace u lanqas li l-Bank huwa ezonerat milli jonora u jirrikonoxxi li dan id-depositu fil-fatt sar. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet “Carmel

Grech et – vs – Emanuel Bonello noe et" moghtija fil-24 ta' April 1992,
"Il-Bank huwa mmexxi mid-Diretturi tieghu u kull ma jaghmlu dawn ghan-nom tieghu jorbtuh u hu jkun responsabbli ghalih. Kull min in bona fede jinnegozja maghhom jew ma ufficjali ohra tal-Bank f'affarijiet pertinenti ghax-xoghol li jaghmel il-Bank fl-oqsma kollha tieghu ghandu jipprezumi li dan ikun qed jaghmlu mal-Bank amenocche` ma jigix infurmat minnhom minn qabel li jkun qed jaghmlu maghhom fuq bazi personali. Kieku ma kienx hekk il-fiducja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet bankarji tispicca".

Issa f'dan il-kaz il-provi wasslu lill-Ewwel Qorti ghall-konvinciment li l-attur appellant in bona fede ttratta mal-Bank u l-kapital tieghu qeghdu b'depozitu fil-Bank u mhux ghaddieh b'self lill-konvenuti Pace. F'dan l-istat ta' provi, is-sentenza appellata tidher korretta u gusta, u ghalhekk ukoll l-appell ta' l-attur jidher li huwa infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez relattivi ghal dina l-istanza kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------